# "Aħna niġu u ngħammru għandu"
## Adorazzjoni Ewkaristika
## Awwissu 2025

### Innu għal waqt l-Espożizzjoni

### Viżta lil Ġesù Ewkaristija
Fi tjubitek, Kristu Sidna,
ieqaf magħna w ħenn għalina,
int li bgħatt is-seba' doni
tal-Ispirtu fuq min jemmen.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Rodd is-saħħa 'l-morda kollha,
biegħed kull tfixkil mid-dgħajfa,
rażżan il-ġibdiet tal-ħażen,
agħti s-serħ lill-qlub muġugħa.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Sawwab f'moħħna s-sliem u l-heda,
mexxi w temm kull xogħol ta' fejda,
isma' t-talb ta' min jgħajjatlek,
u wassalna lkoll fil-ħajja.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Żejjen b'kull virtù lil ruħna,
il-ġid tiegħek sawwab fina;
biex kif jasal jum tiegħek,
lesti ssibna, fis-sliem miegħek.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Glorja lilek, fir-rebħ tiegħek
fuq il-mewt, Ġesù setgħani;
mal-Missier u mal-Ispirtu,
ġieħ jintraddlek issa w dejjem. Ammen.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Skont il-fehma tal-Papa: *Missierna, Sliema, Glorja*

Mulej Ġesù, għal darb'oħra nġbarna madwarek f'dan il-post qaddis fejn jiġi offrut is-sagrifiċċju Ewkaristiku u li bħalissa qegħdin inqimuh. Għal dan il-postijiet tal-laqgħa tagħna madwarek ta spiss nużaw il-kelma "tempju"—jew "maqdes," b'Malti iktar safi. Kliem li jindika l-qdusija ta' dan il-post proprju minħabba f'dak li jgħammar fih; tindika post maqtugħ għalih, mifrud mill-postijiet tal-ħajja ordinarja fejn appuntu tista' sseħħ il-laqgħa miegħek, li inti l-Qaddis.

Ma jistax ikun li l-kelma "tempju" ma tfakkarniex fil-wirt millenarju tal-poplu tagħna li f'mumenti differenti tal-ġrajja tiegħu fittex li jibni mqades kbar u joffri l-aħjar tal-ħila u t-teknika tiegħu sabiex jesprimi l-qima lejn id-divin.
F'dan iż-żmien ta' kunflitt politiku mdemmi, moħbi wara argumenti reliġjużi bla bażi, li bħalissa għaddej b'iktar intensità u ħruxija fl-art fejn middejt riġlejk fostna, il-kelma "tempju" ma tistax ma tfakkarniex f'dak ta' Ġerusalemm li twaqqa' mir-Rumani u li kien għadda żmienu għax ma kinux iktar meħtieġa s-sagrifiċċji għall-maħfra tad-dnubiet wara s-sagrifiċċju veru u waħdieni tiegħek innifsek fuq is-Salib. U dan il-ħsieb, bħalissa, żgur li jnissel fina niket u forsi b'talb ta' rabja quddiem dak li qed iseħħ.
Madankollu, Mulej Ġesù, permezz tal-għażla ta' dan il-post bħala wieħed qaddis, inti ma tridx iżżommna 'l bogħod jew ma tħallix li saqajna maħmuġa jirfsu fih. Huwa d-dar ta' Alla proprju għax tridu jkun il-post tal-laqgħa tagħna miegħek, hekk li tiftħu beraħ biex ikun ukoll id-dar tagħna bħala l-Knisja, il-poplu tiegħek fuq l-art. Mhux ta' b'xejn li nużaw anke din l-istess kelma—"knisja"—biex niddeskrivu dan il-post, bħal meta xi palazz jew post ieħor importanti jieħu ismu mill-kunjom tal-familja li tgħammar fih jew tippossedih.
Għalhekk, Mulej, b'dawn il-ħsibijiet kollha f'qalbna, se nfissru x-xenqa tagħna għal laqgħa ġenwina miegħek f'dan il-ħin ta' adorazzjoni permezz ta' Salm 84 billi flimkien intennu: ***Kemm hi għażiża d-dar tiegħek, Mulej tal-eżerċti!***

*Salm 84, 2-6. 9-13*

Kemm hi għażiża d-dar tiegħek,
Mulej tal-eżerċti!
Tixxennaq u tinfena ruħi għat-tempju tal-Mulej;
ngħanni ferħan b'ruħi u ġismi lil Alla l-ħaj. **R/.**

Sal-għasfur isib fejn jgħammar,
u l-ħuttafa ssib il-bejta ħdejn l-altari tiegħek;
hemm hi tqiegħed iż-żgħar tagħha,
Mulej tal-eżerċti, Sultan u Alla tiegħi! **R/.**

Henjin dawk li jgħammru f'darek;
huma jfaħħruk għal dejjem.
Henjin dawk li jsibu fik il-qawwa tagħhom,
li għandhom għal qalbhom il-pellegrinaġġ għat-tempju. **R/.**

Mulej, Alla tal-eżerċti, isma' talbi;
agħti widen, Alla ta' Ġakobb.
Ħares, o Alla, lejn it-tarka tagħna,
ħares lejn is-sultan, il-midluk tiegħek. **R/.**

Għax jum wieħed fit-tempju tiegħek
aħjar minn elf jum f'post ieħor;

aħjar noqgħod fuq l-għatba ta' dar Alla tiegħi
milli ngħammar fit-tined tal-ħżiena. R/.

Għax xemx u tarka l-Mulej Alla,
ħniena u ġieħ hu jagħti lilna.
Ebda ġid ma jiċħad il-Mulej
lil min jimxi bis-sewwa.
Mulej tal-eżerċti,
hieni l-bniedem li jittama fik! R/.

## Innu Ewkaristiku

**Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann** (13, 1; 14, 23-24)
Qabel il-festa tal-Għid, billi kien jaf Ġesù li waslet is-siegħa tiegħu biex jgħaddi minn din id-dinja għal għand il-Missier, hu, li kien ħabb lil tiegħu li kienu fid-dinja, ħabbhom għall-aħħar.
Waqt li kienu fuq il-mejda, Ġesù qal: "Jekk xi ħadd iħobbni, iħares kelmti, u Missieri jħobbu, u aħna niġu u ngħammru għandu. Min ma jħobbnix ma jħarisx kliemi. U l-kelma li qegħdin tisimgħu mhijiex tiegħi, imma tal-Missier li bagħatni.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. *Tifħir lilek, Kristu*

Ix-xewqa mhijiex biss tagħna li ngħammru fit-tempju tal-Mulej, imma saħansitra Kristu nnifsu jwegħidna li anke t-Trinità qaddisa tixtieq tgħammar fina, hekk li tittrasforma lil kull wieħed u waħda minna f'tempji tagħha ... mhux biss għax fina hemm minquxa x-xbieha ta' Alla nnifsu; mhux biss bl-Ewkaristija li jeħtieġ nirċievu ta' spiss; lanqas għax bil-Magħmudija u d-dilka qaddisa aħna sirna għamara tal-Ispirtu s-Santu ... imma proprju għax, flimkien ma' dan kollu u bis-saħħa ta' dan kollu, qalbna tkun miftuħa għall-imħabba. U t-Trinità hija l-Imħabba ħajja nnifisha, dik l-Imħabba li tagħti l-ħajja.
"Jekk xi ħadd iħobbni, iħares kelmti, u Missieri jħobbu, u aħna niġu u ngħammru għandu" (Ġw 14, 23). Dwar din il-wegħda, għandu kelma sabiħa x'jgħidilna l-Papa u Duttur tal-Knisja San Girgor il-Kbir, li tiegħu ċċelebrajna t-tifkira f'dawn il-ġranet u li kien suċċessur ta' Pietru bejn is-snin 590 u 604. F'omelija dwar din is-silta għas-Solemmità ta' għid il-Ħamsin, dan ir-ragħaj qalbieni jgħid hekk dwar il-ġieħ kbir li Alla jiġi bħala mistieden fil-qalb tal-bniedem:

> Li kieku xi ħabib għani u qawwi kellu jidħol fid-dar tagħkom, żgur li bil-ħeffa tnaddfu d-dar kollha, li ma jmurx ikun hemm xi ħaġa li tista' toffendi għajnejn il-ħabib li jidħol. Għalhekk, ħa jitnaddaf mill-ħmieġ tal-għemejjel ħżiena, min iħejji d-dar tal-ħsieb għal Alla.

Imma araw x'tgħid il-Verità: "Aħna niġu u ngħammru għandu." Fil-qlub ta' xi wħud jiġi u ma jagħmilx l-għamara tiegħu, għax, minkejja li permezz tal-indiema jiftakru f'Alla, imma fi żmien it-tentazzjonijiet jinsew il-fatt stess li kienu nidmu; u b'hekk jerġgħu lura għad-dnubiet li għamlu, bħallikieku xejn ma kienu bkewhom.
Għalhekk, min tassew iħobb lil Alla, kull min iżomm il-kmandamenti tiegħu, f'qalbu l-Mulej jiġi u jagħmel l-għamara tiegħu, u dan għaliex l-imħabba ta' Alla tant tinfdu, li lanqas fi żmien it-tentazzjoni ma jitlaq minn din l-imħabba. Għalhekk, dak li tassew iħobb hu dak li moħħu ma jiġix megħlub bil-kunsens tiegħu mill-għaxqa għall-ħwejjeġ ħżiena. Għax, daqskemm xi ħadd ikun mifrud mill-imħabba tas-sema, daqstant ieħor aktar idum biex jitgħaxxaq biha. Għalhekk jingħad ukoll: "Min ma jħobbnix ma jħarisx kliemi."
Għaldaqstant, għeżież ħuti, erġgħu lura fikom infuskom; jekk tassew tħobbu lil Alla, fittxuh; u madankollu ħadd ma għandu jilqa' t-tweġiba ta' ruħu, jekk l-imħabba li jgħid li għandu ma tidhirx fil-għemejjel tiegħu. Biex tara jekk hemmx l-imħabba għall-Ħallieq, lill-ilsien, il-moħħ, u l-ħajja jeħtieġ li ssaqsi. L-imħabba ta' Alla qatt mhi wieqfa. Għax jekk tinsab hemm tassew, tagħmel ħwejjeġ kbar; imma jekk tirrifjuta li taħdem, allura m'hemmx imħabba.

(San Girgor il-Kbir, *Homilia XXX*, PL 76.1220.1576)

(*adorazzjoni fis-skiet*)

Daħħalna fina nfusna, Mulej Ġesù, mhux bi skrupli, imma bl-istess ħeġġa tal-imħabba, u kun int li tgħarbel il-kliem, il-ħsieb, l-għemil, u l-mod ta' ħajja tagħna. Fuq kollox, għarrafna jekk qalbna hijiex tassew għamara tiegħek. Urina fejn neħtieġu l-fejqan, fejn jeħtieġ li nikinsu aħjar u nogħrku iktar, sabiex hekk ruħna tkun tassew tempju qaddis tal-Imħabba infinita.

## Innu Ewkaristiku

Konxji mill-preżenza tiegħu quddiemna u fina, ejjew induru lejn il-Mulej u nħallu jfur minn qalbna dak it-talb li hu stess iqanqal fina bi mħabba.

- Seddaq ir-ragħajja tal-Knisja tiegħek u imliehom bl-istess kuraġġ u ħeġġa li wera San Girgor fil-qadi tal-ministeru tiegħu. Nitolbu.

- Ferra' fuq id-dinja kollha d-duwa tal-paċi u l-ġustizzja, b'mod speċjali fl-art fejn seħħew l-għemejjel tal-fidwa tal-umanità. Nitolbu.

- Agħti s-sabar lis-saċerdoti li jiddedikaw il-ħin tagħhom, kif inhu dmirhom, għas-Sagrament tal-Qrar sabiex hekk il-qlub tagħna jkunu tassew imħejjija sabiex inti tgħammar fihom. Nitolbu.

- Nissel fina spirtu ta' sogħba vera ta' dnubietna u qawwina bl-Ispirtu tiegħek biex inħallu l-imħabba tfur u tidher fil-kliem, fil-ħsibijiet u fl-imġiba tagħna ma' xulxin u mal-oħrajn. Nitolbu.

- Saħħaħna biex inżommu 'l bogħod mid-dnub, u kun magħna fil-mument tat-tentazzjoni biex, minkejja kull ostaklu, nibqgħu nissaraw biex nagħżlu lilek. Nitolbu.

- Bħalma tinsab preżenti hawn fostna f'dan is-Sagrament, għammar ukoll fil-qlub ta' dawk l-Insara u ta' dawk il-komunitajiet li huma mċaħħda miċ-ċelebrazzjoni tas-Sagramenti sabiex xorta waħda ma jħossuhomx imċaħħda minnek li trid tgħammar fihom. Nitolbu.

- Ħabbat b'insistenza fuq il-qlub ta' dawk li għażilthom għal xi vokazzjoni jew ħidma partikolari fil-Knisja sabiex iħallu lilhom infushom jinħatfu mill-imħabba tiegħek u jilqgħu l-kelma tas-sejħa tiegħek. Nitolbu.

Kemm hi għażiża d-dar tiegħek, Mulej tal-eżerċti! Kompli xennaq u ifni 'qlubna bl-għatx għall-imħabba tiegħek sabiex din in-nixfa tkun hi stess il-ftuħ ta' ruħna sabiex permezz tal-Ispirtu s-Sa, inti u l-Missier tgħammru fina u aħna fikom għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

**Barka Sagramentali**